REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 389/2010

tas-6 ta' Mejju 2010

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2004 fir-rigward tal-immaniġġjar tal-flotot tas-sajd f'ċerti reġjuni mill-aktar imbiegħda ta' Franza

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi [ir-reġjuni l-aktar imbiegħda] tal-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 1(2) u 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2004 [2] jistipula regoli ddettaljati ta' implimentazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 li għandu x'jaqsam mal-immaniġġjar tal-flotot tas-sajd reġistrati lir-reġjuni ultraperiferali [ir-reġjuni l-aktar imbiegħda].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1274/2007 [3] rreveda l-livelli ta' referenza għall-flotot fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, stipulati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2104/2004, wara d-dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni fil-Kunsill tas-Sajd tas-27 ta' Lulju 2006 [4].

(3) Fil-każ ta' ċerti taqsimiet tal-flotta tad-Dipartimenti Franċiżi l-aktar imbiegħda, ir-Regolament (KE) Nru 1274/2007 fittex ir-regolarizzazzjoni ta' għadd importanti ta' bastimenti li wettqu attivitajiet tas-sajd qabel il-31 ta' Diċembru 2006, u li kienu attivi mingħajr ma kienu ddaħħlu fir-Reġistru tal-Flotot tal-UE. Din ir-regolarizzazzjoni tqieset bħala estensjoni tal-pjanijiet ta' żvilupp li kienu tressqu għar-reġjunijiet ikkonċernati l-aktar imbiegħda.

(4) Inventarju aktar riċenti u aktar sħiħ tal-flotot fuq skala żgħira li joperaw fl-iktar żoni mbiegħda tat-territorji Franċiżi l-aktar imbiegħda tal-Gujana u Martinique, imfassal mill-awtoritajiet Franċiżi, wera li fi żmien ir-reviżjoni msemmija hawn fuq tal-livelli ta' referenza, l-għadd ta' bastimenti li jeħtieġu r-regolarizzazzjoni ġie sottovalutat. Franza talbet li ssir regolarizzazzjoni ġdida għall-bastimenti li ma tqisux bħala parti mill-pjanijiet ta' żvilupp imressqa fl-2007 għall-Gujana u Martinique.

(5) It-taqsimiet tal-flotta kkonċernati mit-talba għal żieda fil-livell ta' referenza jiffukaw l-attivitajiet tagħhom fuq ir-riżorsi tal-ħut max-xatt, li skont l-aktar tagħrif xjentifiku riċenti, ma jurux problemi ta' konservazzjoni.

(6) Għaldaqstant, bħala kontribut għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd fl-iktar reġjuni mbiegħda, jaqbel li jitqies il-bżonn ta' regolarizzazzjoni tal-bastimenti kkonċernati fil-qafas tal-pjanijiet ta' żvilupp ikkonċernati, u li jiżdiedu l-livelli ta' referenza korrispondenti sabiex dawk il-bastimenti jkunu jistgħu jiddaħħlu fir-Reġistru tal-Flotot tal-UE.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 2104/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2014/2004 għandu jiġi emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 102, 7.4.2004, p. 9.
[2] ĠU L 365, 10.12.2004, p. 19.
[3] ĠU L 284, 30.10.2007, p. 6.
[4] Id-Dokument tal-Kunsill Nru 11823/06 ADD 1, l-20 ta' Lulju 2006.

ANNESS

Fit-Taqsima "Franza" tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2104/2004, l-entrati li jikkonċernaw it-taqsima tal-flotta "Il-Gujana Franċiża. Speċijiet demersali u pelaġiċi. Tul < 12 m" u t-taqsima tal-flotta "Martinique. Speċijiet pelaġiċi. Tul ≥ 12 m" jinbidlu b'li ġej:

Franza

Taqsima tal-flotta	Kodiċi tat-taqsima	GT	kW
"Il-Gujana Franċiża. Speċijiet demersali u pelaġiċi. Tul < 12 m	4FF	903	11 644"
"Martinique. Speċijiet pelaġiċi. Tul ≥ 12 m	4FK	1 046	3 294"